MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Numru 153/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**VS**
**BRENDA MALLIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Brenda Mallia ta’ 40 sena, bint Louis Mallia u Mary Rose Spiteri, imwieled Pieta’ fid-9 ta’ Marzu 1970, residenti Caruana Court Building, Flat 2, Triq Carmelo Deluca, Qawra u detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 227670(M);

Illi hija akkuzata talli:

1. Nhar l-4 ta' Jannar 2001 ghal habta tal-17.00hrs, fl-inhawi ta' Bieb il-Belt, ikkommettiet serq ta' kartiera li kienet tikkontjeni l-ammont ta' €80 fi flus kontanti u ghalhekk jeccedi l-ammont ta' €23.29 izda mhux iktar minn €232.94 liema serq jitqies semplici, ghad-detriment ta' Crocifisso Briffa, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 407949(M) u dan bi ksur ta' l-Artikoli 284 u 285 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-istess jum, ghal-habta tal-17.20hrs gewwa Floriana bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq ta' €250, write dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghha liema serq, kieku esegwit, kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €232.94, izda inqas minn €2329.37 ghad-detriment ta' l-istess Crocifisso Briffa u dan bi ksur ta' l-Artikoli 41(1)(a), 261(c) u 267 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Nhar il-5 ta' Jannar 2011 ghal habta ta' 00.00hrs, gewwa 134 Flt.5, Triq Marsamxett, Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera li kienet tikkontjeni €350 fi flus kontanti u ghalhekk jeccedi l-valur ta' €232.94, izda inqas minn €2329.37, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-persuna, bil-hin u bil-lok, ghad-detriment ta' Ashraf Omar Moftah Elatrash, detentur ta' Passaport Rumen bin-numru 221849 u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(c), (d), (e), (f), 267, 268(b), 269(g), 270, 279(a) u 281(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Nhar il-5 ta' Jannar 2011, ghal habta tas-13.00hrs fl-inhawi ta' Bieb il-Belt, ikkommettiet serq ta' kartiera li kienet tikkontjeni l-ammont ta' €50 fi flus kontanti u ghalhekk jeccedi l-ammont ta' €23.29 izda mhux iktar minn €232.94 liema serq jitqies semplici, ghad-detriment ta' John Agius, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 40457(G) u dan bi ksur ta' l-Artikoli 284 u 285 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Bejn Settembru 2010 u s-16 ta' Jannar 2011, naqset milli tirrapporta lill-ufficjal awtorizzat mill-Karta ta' l-Identita' minghajr dewmien li xi wahda mill-partikolaritajiet jew xi taghrif iehor li jinsab fil-Karta ta' l-Identita' taghha u cioe l-indirizz tal-lok ewlieni ta' residenza fejn abitwalment torqod kif mahsub f'Artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Karta ta' l-

Identita’, Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma baqax aktar korrett u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 9 ta’ l-Att dwar il-Karta ta’ l-Identita’, Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. B’hekk ikkommettiet reat li ghalieh hemm il-piena ta’ prigunerija waqt perijodu operattiv ta’ Liberta Kundizzjonata ghal zmien tlett (3) snin, skond Artikolu 22 ta’ Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta liema sentenza giet moghtija lilha nhar is-17 ta’ Novembru 2009 mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D.;

7. B’hekk rendiet ruhha recidiva b’diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula skond kif mahsub f’Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija gentilment mitlubha tordna lill-imputata Brenda Mallia thallas €11.65 ghal kull gurnata li matulha tkompla r-reat u dan kif mahsub f’Artikolu 14(1) ta’ l-Att Dwar il-Karta Ta’ l-Identita, tal-Kap.258 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.14) u dak ta’ l-imputata (a fol.28) fejn l-imputata ma ssibx oggezzjoni li tigi gudikata minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputata;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghha, l-Qorti ssib lill-imputata **Brenda Mallia** hatja skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 284, 285, 41 (1) (a), 261 (c) (d) (e) (f), 267, 268 (b), 269 (g), 270, 279 (a), 281 (c), 49, 50, 289 tal-Kap. 9; Artikolu 9 tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta’ Malta; tikkundannaha ghal **sena**

**prigunerija u multa ta' mitt Euro (€100) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mid-data ta' meta tiskonta l-imsemmija perjodu ta' prigjunerija.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputata, l-ammissjoni bikrija taghha w l-fatti specie tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------